# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Ġunju, 2021.**

**Numru 9**

**Ċitazzjoni numru 971/12/2 JPG**

**Anthony Fiorini u martu Maria Elaine sive Elaine Fiorini**

**v.**

**Astrid-Marie Giordano u żewġha Christopher Giordano u għal kull interess li jista' jkollu Tony Aquilina Limited, jew min minnhom**

Preliminari:

1. Fis-26 ta' Settembru, 2012 l-atturi konjuġi Fiorini (proprjetarji tal-fond 18 Triq il-Kokka, San Ġwann) intavolaw din il-kawża kontra l-konjuġi Giordano (proprjetarji tal-fond adjaċenti 22, Triq il-Kokka, San Ġwann) u s-soċjeta` Tony Aquilina Ltd (il-kuntrattur) fir-rigward ta' ħsarat li ġarrab il-

fond tagħhom konsegwenza ta' xogħlijiet li saru fil-proprjeta` tal-konjuġi Giordano. It-talbiet tagħhom jaqraw hekk:

*"1. Tiddikjara illi r-rikorrenti konjugi Fiorini sofrew danni fil-fond taghhom numru 18 fi Triq il-Kokka, San Gwann b'rizultat tax-xoghlijiet ta' kostruzzjoni li saru fil-fond adjacenti numru 22, Grazzja, Triq il-Kokka, San Gwann, proprjeta' tal-intimati Giordano liema danni gew kkawzati minhabba traskuragni, imperizja, negligenza, nuqqas ta' tharis ta' regolamenti u/jew nuqqas ta' diligenza minn naha tal-intimati jew min minnhom fl-esekuzzjoni tax-xoghlijiet fuq accennati u/jew fl-ingaggar ta' haddiema inkompetenti f'xogholhom u ghalhekk ghandhom jaghmlu tajjeb ghalihom l-istess intimati jew min minnhom ;*

*2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti, kwantu ghal spejjez ta' xoghlijiet rimedjali fis-somma ta' hmistax –il elf tlett mija sebgha u erbghin euro u erbgha u disghin centezmu (€15,347.94, bil-VAT inkluz) jew somma verjuri u kwantu ghal danni ohra konsistenti inter alia fi spejjez u drittijiet ta' periti f'somma ffissata minn din l-Onorabbli Qorti occorrendo bl-opra ta' periti nominandi mahtura ghal dan il-ghan ;*

*3. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex ihallsu lir-rikorrenti ddanni hekk likwidati minn din l-Onorabbli Qorti ;*

*B'riserva ghad-danni kollha ulterjuri li jistghu jirrizultaw.*

*Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali fuq imsemmija pprezentata fit-18 ta' Novembru 2010 u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-istess ittra ufficjali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimati jew min minnhom li huma minn issa ingunti in subizzjoni".*

2. Fit-12 ta' Ottubru, 2012 <u>is-soċjeta` konvenuta Tony Aquilina Ltd</u> ippreżentat ir-risposta tagħha li taqra hekk:

*"1. Illi s-socjeta' eccipjenti ghandha tigi mehlusa minnufih mill-harsien tal-gudizzju a spejjez tal-istess rikorrenti u dana stante li qatt ma kellha u lanqas illum m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti ;*

*2. Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti hija wahda infondata fil-fatt u fid-dritt u dana billi x-xoghol ta' skavar u thammil kondott mis-socjeta' intimata u kwalunkwe xoghol iehor inwettaq mis-socjeta' intimata sar skond is-sengha u l-arti hekk kif tirrkjedi l-ligi u skond l-istruzzjonijiet tal-Perit Arkitett responsabbli ghall-imsemmi progett ;*

> *3. Illi ghalhekk isegwi li s-socjeta' intimata ma tistax tigi tenuta responsabbli li thallas l-ebda danni fil-konfront tar-rikorrenti fil-kawza odjerna ;*
>
> 4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi".*

3. Fit-8 ta' Marzu, 2013 il-konjuġi <u>konvenuti Giordano</u> ppreżentaw ir-risposta tagħhom li taqra hekk:

> *"1 Illi l-esponenti ma humiex responsabbli ghall-hsarat li garrbu r-rikorrenti fil-proprjeta' taghhom;*
>
> *2. Illi l-esponenti hadu l-prekawzjonijiet kollha mehtiega u ghamlu xoghlijiet bid-diligenza mehtiega u jichdu illi d-danni li garrbu r-rikorrenti gew ikkawzati minhabba traskuragni, imperizja, negligenza jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti u/jew nuqqas ta' diligenza da parti tal-esponenti;*
>
> *3. Illi l-ammont reklamat huwa esagerat".*

4. Fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Diċembru, 2015 <u>il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kkundannat lill-konvenuti Giordano</u> (u mhux ukoll is-soċjeta` konvenuta) <u>iħallsu lill-atturi in linea ta' danni rimedjali s-somma ta' €8,737.50</u>. Il-parti deċiżorja taqra hekk:

> *"Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-tieni, t-tielet u r-raba' eccezzjoni tas-socjeta' Tony Aquilina Limited, izda tichad l-ewwel eccezzjoni tal-istess socjeta'; Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Giordano ghajr ghat-tielet eccezzjoni li qed tigi milqugha; Tilqa' parzjalment l-ewwel talba tal-atturi; Tilqa' t-tieni talba tal-atturi parzjalment u tillikwida d-danni kwantu ghall-ispejjez tax-xogholijiet rimedjali fis-somma ta' tminn t'elef seba' mija sebgha u tletin Ewro u hamsin centezmi (€8,737.50); Tilqa t-tielet talba parzjalment u tikkundanna lill-konvenuti Giordano jhallsu lill-atturi s-somma likwidata ta' tminn t'elef seba' mija sebgha u tletin Ewro u hamsin centezmi (€8,737.50). Bl-ispejjez kontra l-konvenuti Giordano u bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza".*

5. **Fit-22 ta' Diċembru, 2015 il-konjuġi Giordano ppreżentaw**

**appell limitat għall-Kap tal-ispejjeż.** Huma talbu lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fil-mertu, tirrevokaha fil-Kap tal-ispejjeż billi:

(i) l-ispejjeż relattivi għas-soċjeta` konvenuta Tony Aquilina Ltd jiġu allokati lill-atturi,

u

(ii) l-ispejjeż relattivi għall-atturi u għall-konvenuti Giordano jiġu allokati liż-żewġ partijiet skont ir-rebħ u t-telf rispettiv tagħhom.

6. L-aggravji tagħhom huma s-segwenti:

(a) Fl-ewwel lok isostnu li ladarba s-soċjeta` konvenuta Anthony Aquilina Ltd tħarrket inutilment, stante li l-eċċezzjonijiet tagħha ġew milqugħa[1], l-ispejjeż relattivi għaliha m'għandhomx jiġu allokati lilhom iżda lill-atturi appellati.

(b) Fit-tieni lok ifakkru li l-atturi talbu s-somma ta' €15,374.94 u li l-ewwel Qorti laqgħet it-tielet eċċezzjoni tagħhom u sabet li dan l-ammont kien esaġerat. Fil-fatt ikkundannat lill-konvenuti Giordano jħallsu lill-atturi

[1] (għajr l-ewwel eċċezzjoni)

is-somma ta' €8,737.50.

(c) Fit-tielet lok jirreferu għall-Artikolu 223 tal-Kap 12 li jiddisponi li kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż, u jsostnu li ladarba l-atturi tilfu kważi nofs dak mitlub minnhom, l-ispejjeż intieri tal-kawża ma messhomx ġew allokati lilhom, iżda allokati r-rebħ u t-telf rispettiv. Isemmu wkoll li qabel ma nbdiet il-kawża kienet għaddejja ġurisprudenza biex jiġu evitati proċeduri ġudizzjarji u d-disputa kienet prinċipalment iffukata fuq il-kwantum tad-danni. Jgħidu li l-atturi baqgħu jinsistu għas-somma intiera u allura kien minħabba din l-intransiġenza li inbdew il-proċeduri.

7. Fl-20 ta' Jannar, 2016 l-atturi appellanti wieġbu biex jgħidu għaliex din il-Qorti għandha tiċħad l-appell tal-konvenuti Giordano u tikkonferma s-sentenza fl-intier tagħha. Bl-ispejjeż tal-appell kontra l-istess konvenuti Giordano.

**KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:**

**It-taħrik tas-soċjeta` Tony Aquilina Ltd fil-kawża:**

8. L-atturi ħarrku mhux biss lill-ġirien tagħhom il-konvenuti Giordano iżda wkoll is-soċjeta` Tony Aquilina Ltd (il-kuntrattur). L-ewwel Qorti

rriżultalha li din is-soċjeta` konvenuta esegwiet ix-xogħlijiet skont ma ġiet mitluba mill-konvenuti Giordano u li ma rriżulta l-ebda negliġenza da parti tagħha. Irriteniet li ma kienet tirriżulta l-ebda xrara ta' prova li hija b'xi mod ma segwietx l-istruzzjonijiet tal-perit Farrugia jew li sfidat tali struzzjonijiet u għamlet fattiha. Għalhekk filwaqt li l-ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta` konvenuta (li m'għandhiex relazzjoni ġuridika mal-atturi) in kwantu m'hemmx bżonn ta' relazzjoni ġuridika kemm-il darba kien jagħti l-każ li si tratta ta' negliġenza jew nuqqas ta' osservazzjoni ta' regolamenti, laqgħet l-eċċezzjonijiet l-oħra tagħha.

9. Ladarba l-ewwel Qorti allokat l-ispejjeż kollha tal-kawża lill-konvenuti Giordano jiġi li dawn għandhom jagħmlu tajjeb ukoll għall-ispejjeż tas-soċjeta` konvenuta, u huma jħossuhom aggravati b'dan.

10. L-atturi appellati fir-risposta tagħhom jargumentaw illi fl-ebda stadju tan-negozjati li ppreċedew il-kawża ma kien hemm xi forma ta' ammissjoni da parti tal-konvenuti Giordano, li kienu qegħdin jaċċettaw xi responsabbilta`; għalhekk isostnu li stante li x-xogħlijiet saru mis-soċjeta` konvenuta huma kellhom raġuni impellenti l-għala fetħu l-kawża kontriha wkoll. Iżidu jgħidu li f'kawżi ta' din in-natura huwa komuni mhux biss li jiddaħħlu l-kuntratturi imma saħansitra wkoll il-periti li jkunu ssorveljaw ix-xogħlijiet, ħaġa li huma għażlu li ma jagħmlux.

11. Jibqa' l-fatt pero` li l-atturi tilfu dik il-parti tal-kawża in kwantu saret vis-à-vis s-soċjeta` konvenuta, u rrispettivament minn dak li ammettew jew ma ammettewx il-konvenuti Giordano, din il-Qorti ma tarax li jkun ġust li dawn jiġu kkundannati jħallsu l-ispejjeż tas-soċjeta` konvenuta.

**<u>L-ammont pretiż u dak li l-konvenuti ġew ordnati jħallsu:</u>**

12. Is-somma pretiża mill-atturi hija dik ta' €15,347.94 "*jew somma oħra verjuri".* Il-konvenuti Giordano eċċipew li tali somma hija esaġerata, u fil-fatt l-ewwel Qorti rriżultalha li kienet dovuta biss is-somma ta' €8,737.50, cioe` ftit iktar min-nofs. Madanakollu, kif ingħad, il-konvenuti Giordano ġew ordnati jħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża u għalhekk dan ifisser li ser jiġu ntaxxati fuq is-somma pretiża kollha, li fil-fehma ta' din il-Qorti ma jkunx ġust meta l-ewwel Qorti ordnatilhom iħallsu ftit iktar minn nofsha.

13. L-atturi appellati jenfasizzaw li huma talbu l-ammont ta' €15,347.50 *"jew somma oħra verjuri*", cioe` somma viċina dik mitluba kemm aktar jew anqas (ara ***Carmel sive Charles Falzon et v. Dr Andrew Zammit et***, App Inf 17/04/2009 u ***Joseph Vella v. Noel Grech***, App Inf 18/10/2006). Għalhekk jgħidu li l-likwidazzjoni tħalliet għad-diskrezzjoni assoluta tal-Qorti. Jispjegaw ukoll li l-maġġor parti tad-diskrepanza bejn l-ammont li talbu u l-ammont li ġie likwidat mill-perit tekniku tirrigwarda l-prezz tal-

madum tal-art (cioe` dak mogħti mill-perit Musumeci u dak mogħti mill-perit tekniku) u ma hix dovuta għal xi skopijiet ulterjuri da parti tagħhom, li fl-ebda stadju ma ppruvaw ineffħu l-ammonti dovuti lilhom.

14. Jibqa' l-fatt li l-atturi ma talbux lill-ewwel Qorti tillikwida kwalsiasi ammont, iżda għażlu li jsemmu ċ-ċifra speċifika ta' €15,347.50. B'dik il-frażi "*jew somma oħra verjuri*" l-ewwel Qorti kienet libera li tiffissa somma akbar jew anqas minn dik mitluba pero` hi l-fehma tal-Qorti li l-atturi effettivament kienu qegħdin jittentaw jieħdu l-ammont ta' €15,347.50, u l-konvenuti Giordano fit-tielet eċċezzjoni tagħhom eċċipew li dan l-ammont huwa esaġerat, tant li l-ewwel Qorti laqgħetilhom tali eċċezzjoni. Hemm diskrepanza kbira bejn l-ammont ta' €15,347.50 u dak li jirriżulta verament dovut lill-atturi. Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li kwalsiasi dritt tar-reġistru, avukat u prokuratur legali fuq id-differenza bejn is-somma pretiża mill-atturi u dak aċċettat mill-ewwel Qorti, cioe` **€6,610.44** (€15,347.94 - €8.737.50) għandha tkun a karigu tal-atturi.

**DEĊIDE**

15. Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell tal-konvenuti Giordano dwar il-Kap tal-ispejjeż u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti f'dan ir-rigward fis-sens li:

- **L-ispejjeż relatati mal-kumpannija konvenuta għandhom jitħallsu mill-atturi;**

- **Il-kumplament tal-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-konvenuti Giordano b'dan li kull dritt tar-reġistru, avukat u prokuratur legali in eccess ta' dik likwidata mill-ewwel Qorti (€8,737.50) għandhom jitħallsu mill-atturi.**

16. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-atturi appellati.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da